MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 273/2019/1 LM

**Absolute Services Limited (C 68516)**
*("is-soċjetà appellata")*

***vs.***

**Stefan Darmenia (K.I. numru 48866M)**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Stefan Darmenia (K.I. numru 48866M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"], mid-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Frar, 2020, [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"], mit-Tribunal Għal

Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda billi laqa' t-talba tas-soċjetà attriċi **Absolute Services Limited (C 68516)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà appellata"], billi kkundanna lill-appellant iħallasha s-somma ta' erbat elef seba' mija sitta u sebghin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€4,776.33) flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjeż.

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tmiem bikri u unilaterali min-naħa tal-appellant tal-ftehim[1] li huwa kien għamel mas-soċjetà appellata fil-25 ta' Frar, 2018, għall-provvista tas-servizz ta' *carer* bil-pattijiet u bil-kondizzjonijiet hemmhekk imfissra.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata kienet intavolat proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fl-24 ta' Settembru, 2019, għall-ħlas tas-somma ta' erbat elef seba' mija sitta u sebgħin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€4,776.33ċ) rappreżentanti l-ħlas dovut għal xahrejn *notice* skont il-kuntratt ta' servizz iffirmat bejniethom, u dan flimkien mal-ispejjeż u mal-imgħaxijiet legali, sad-data tal-pagament effettiv.

[1] *A fol.* 2 *et seq*. tal-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal.

4. L-appellant debitament notifikat fis-27 ta' Novembru, 2019, baqa' kontumaċi.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. It-Tribunal permezz tad-deċiżjoni appellata ddikjara li:

> *"jidhirlu ... li din it-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u jqis il-kapitolu bħala moqri mistqarr".*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-3 ta' Marzu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata għal dawk ir-raġunijiet li fisser fir-rikors tiegħu. Is-segwenti huma l-aggravji li ressaq: (a) l-avviż tat-talba mhux komplut; (b) l-invalidità tan-notifika; (ċ) it-Tribunal naqas li jagħmel apprezzament tal-provi, il-kontumaċja u s-subizzjoni.

7. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata tissottometti li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u għalhekk għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tas-sottomissjonijiet ippreżentati mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha u tas-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: l-avviż tat-talba mhux komplut*

9. L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-allegati nuqqasijiet fl-Avviż tat-Talba. Jirrileva li dan ma sarx skont kif jirrikjedi s-subartikolu 3(1) tal-L.S. 380.01 għaliex is-soċjetà appellata kienet naqset milli tniżżel id-dettalji fl-ewwel faċċata tiegħu li kellhom x'jaqsmu ma' fejn ġara l-każ u meta ġara l-każ. Jgħid ukoll li ma tressqet l-ebda talba quddiem it-Tribunal sabiex dawn id-dettalji jitniżżlu. L-appellant isostni li tali dettalji jagħmlu parti integrali mill-Avviż, anki għall-finijiet ta' proċedura stante li għandhom x'jaqsmu għall-finijiet ta' eċċezzjonijiet preliminari li kellhom jiġu deċiżi mit-Tribunal.

10. Is-soċjetà appellata tilqa' billi tgħid li dan l-ewwel aggravju mhux ġustifikat għaliex id-dettalji tal-każ odjern jirriżultaw b'mod ċar mill-atti, u dan filwaqt li tiċċita dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 9(3) tal-Kap. 380.

11. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata. Tikkunsidra li d-dettalji neqsin mill-ewwel faċċata tat-talba jirriżultaw fit-tielet faċċata, fejn is-soċjetà appellata spjegat il-fatti tal-vertenza odjerna. Is-soċjetà appellata hawnhekk tiddikjara li l-ammont pretiż jirrigwarda s-servizz ta' *carer* mogħti fil-perijodu bejn l-1 ta' Frar, 2018, u l-14 ta' Marzu, 2018, kif ukoll il-ħlas dovut għal dak il-perijodu ta' xahrejn li jirrappreżenta n-*notice* li l-

appellant kien dovut li jagħti fl-eventwalità li jittermina l-kuntratt mas-soċjetà appellata. Dan kollu filwaqt li tagħmel riferiment għall-ftehim innifsu anness mal-Avviz tat-Talba bħala Dok. AS1. Għalhekk din il-Qorti tqis li ġaladarba s-soċjetà appellata niżlet l-informazzjoni kollha meħtieġa minnha skont l-L.S. 380.01, l-Avviż tat-Talba m'għandux jitqies bħala invalidu.

12. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-ewwel aggravju ġustifikat u qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *l-invalidità tan-notifika tal-appellant*

13. L-appellant jikkontendi li n-notifika tiegħu bl-Avviż tat-Talba, kienet waħda invalida stante li huwa ma kienx kompetenti sabiex jirċievi atti. Jispjega li r-raġuni kienet il-marda li minnha jsofri li taffettwa l-kapaċità mentali tiegħu, liema marda kienet ben konsapevoli tagħha s-soċjetà appellata stante li din kienet ġiet mitluba sabiex tipprovdilu *carer.*

14. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tgħid li n-notifika saret skont kif jipprovdi l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u minkejja li kien notifikat, l-appellant naqas li jidher quddiem it-Tribunal jew li jibgħat rappreżentant tiegħu fi tliet seduti. Tgħid li l-fatt li l-appellant kien talab għal *carer* ma kienx ifisser li huwa ma setax jiddefendi ruħu u jressaq il-każ tiegħu kawża tal-kondizzjoni medika tiegħu. Tissottometti li wara kollox l-appellant kien joħroġ kuljum għax-xogħol tiegħu ta' *draughtsman*.

15. Din il-Qorti ma tistax taċċetta dan l-aggravju. Minkejja li l-appellant ittenta jiġġustifika s-sottomissjonijiet tiegħu permezz tal-preżentata ta' ċertifikat mediku[2], dan id-dokument ma jurix li huwa mhuwiex kapaċi li jamministra l-affarijiet personali tiegħu, u senjatament li jirċievi atti ġudizzjarji, skont kif jitlob il-paragrafu (b) tal-artikolu 781 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *it-Tribunal naqas li jagħmel apprezzament tal-provi, il-kontumaċja u s-subizzjoni*

17. L-appellant jissottometti li s-soċjetà appellata straħet fuq il-kapitolu li hija kienet ippreżentat fis-27 ta' Jannar, 2020, bħala prova assoluta tal-pretensjonijiet tagħha. Iżda hija kellha l-obbligu li tagħmel il-każ tagħha u tressaq il-provi minkejja l-kontumaċja tiegħu. Jirrileva li s-soċjetà appellata ma kinitx ippreżentat il-fatturi relattivi mal-Avviż tat-Talba jew matul is-smigħ tal-kawża, kif ukoll naqqset milli tressaq prova li huwa kien temm il-kuntratt ta' bejniethom mingħajr *notice*. Huwa jagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-qrati, u anki għal deċiżjoni tat-Tribunal[3] fejn jiċċita parti sostanzjali minn dik id-deċiżjoni.

18. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tgħid li dak li qed jallega l-appellant ma jirriżultax. Fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2019 kien deher Joseph Gauci in rappreżentanza tas-soċjetà appellata, fejn ikkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ammont kien dovut skont il-ftehim intestat *"General Services Agreement",* li

[2] *A fol.* 7.
[3] Margal Limited vs. Eucharist Bajada, 05.02.2019.

kopja tiegħu kienet ġiet ippreżentata flimkien mal-Avviż tat-Talba. L-appellata tispjega li s-somma pretiża kienet tikkonsisti fl-ammont dovut għal xahrejn *notice,* li kellha tingħata meta l-kuntratt jiġi tterminat, u anki l-ammont dovut għal servizz ta' *carer* bejn l-1 ta' Frar u l-14 ta' Marzu tas-sena 2018 skont dak l-istess ftehim. Tgħid li l-proċedura tat-Tribunal fir-rigward tal-kapitolu kienet waħda stabbilita fil-Qrati tagħna, u hawnhekk jiċċita silta mis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mercieca *vs.* Peter Montebello**.[4]

19. Fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal iddeċieda t-talba tas-soċjetà appellata wara li kkunsidra x-xhieda mogħtija minn Joseph Gauci waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru, 2019, fejn dan ikkonferma li l-ammont pretiż kien dovut mingħand l-appellat kif imfisser fl-Avviż tat-Talba. It-Tribunal osserva li l-appellat kien naqas milli jidher matul il-kawża, anki waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar, 2020, sabiex iwieġeb in subizzjoni, u saħansitra naqas li jippreżenta xi dokument jew sottomissjoni.

20. Iżda din il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata naqset milli tipprova sodisfaċentement it-talba tagħha. Hija ppreżentat kopja tal-ftehim tal-25 ta' Jannar, 2018, li hija kienet iffirmat mal-appellant għall-provvista ta' servizz ta' *carer* skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet hemmhekk imfissra, inkluż (a) il-ħlas mensili ta' €1,235.00 flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-perċentwal ta' 5%; u (b) li kellu jingħata avviż bil-miktub ta' 30 jum fl-eventwalità li xi ħadd mill-partijiet xtaq itemm il-ftehim, u fin-nuqqas il-ħlas ta' somma ekwivalenti għal xahrejn *notice*. Meta mbagħad xehed Joseph Gauci r-rappreżentant tas-

---

[4] P.A., 28.04.1998.

soċjetà appellata waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru, 2019, dan ikkonferma s-somma pretiża filwaqt li spjega fil-qasir li *"Dana ... ipprovdejna* care service*, u f'daqqa waħda ma riedx; keċċa lil* carer*. U skont l-*agreement *li kellna jrid jagħti* notice *ta' xahrejn. Issa kellu xahar u nofs b'lura kien għadu ma ħallasx, u x-xahrejn* notice *li kellu għandu jagħtina".* Is-soċjetà appellata ma offriet l-ebda prova oħra fir-rigward tas-somma pretiża, anki dwar il-fatt allegat li f'daqqa waħda l-appellat kien reġa' bdielu u kien keċċa l-*carer* li kienet ġiet ipprovduta lilu mis-soċjetà appellata u forsi aktar importanti f'dak l-istadju l-fatturi relattivi għall-ħlas mitlub, sabiex it-Tribunal seta' jifhem aħjar kif waslet għas-somma pretiża. Għalhekk din il-Qorti tqis li s-soċjetà appellata naqset milli tipprova suffiċjentement it-talba tagħha u t-Tribunal ma setax fuq il-provi miġjuba quddiemu jasal b'mod komdu sabiex jilqa' t-talba tagħha fil-konfront tal-appellant. Dan ukoll meħuda inkonsiderazzjoni l-kontumaċja tiegħu u l-fatt li huwa naqas milli jidher ripetutament waqt is-seduti quddiem it-Tribunal jew li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu.

21. Għaldaqstant din il-Qorti qed issib dan l-aħħar aggravju ġustifikat u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu u tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, filwaqt li tiċħad it-talbiet**

**tas-soċjetà appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**